**A.L. 385 ta' l-2007**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## L-Ordinamenti ta' l-2007 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Marketing taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

### It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2007 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Marketing, taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Marketing; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għad-Diploma in Marketing.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu skond ir-regolament 2.2 (a) (iii) tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku biex ikunu jistgħu jsegwu l-Kors bi profitt, inkluż li mill-anqas ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat jew ekwivalenti fi kwalunkwe suġġett.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jestendi fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

**Il-Programm tal-Kors**

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħejji programm ta' studji li jindika liema taqsimiet studju huma obbligatorji u liema fakultattivi u katalgu ta' taqsimiet studju li jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju u l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jagħmel xi tibdiliet neċessarji fil-programm ta' studji u fil-katalgu skond kif meħtieġ.

**Il-Klassifikazzoni tar-Rikonoxximent**

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, skond il-kriterji li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Il-Marka Mwieżna ta' l-Ewwel Sena | 40% |
| Il-Marka Mwieżna tat-Tieni Sena | 60%. |

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.